**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 321/97

John Desira

vs

Education Department u b' digriet tat-18 ta' Novembru 1998 Direttur Generali tal-Edukazzjoni

Illum 21 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 22 ta' Jannar 1990 u f'Lulju 1990 huwa sofra ingustizzja f'li inghata transfer vendikattiv li konsegwenza tieghu tilef il-flus u li ma nghatax l-promozzjoni ta' supervisor.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:

Illi ilu jahdem mad-dipartiment tal-Edukazzjoni mill-1979 u ilu fil-grad ta' mastrudaxxa mill-1981. Barra li kien jaghmel xoghol ta' mastrudaxxa fl-iskola tal-Junior Lyceum kien ukoll responsabbli biex, fil-break ta' nofs in-nhar jaghmel ix-xoghol ta' Supervision. Barra minn dan, fil-ghaxija mill-5.00pm sat-8.30pm kien jaghmel ukoll is-supervision fil-hinijiet li kienu jsiru l-evening classes. Dan ix-xoghol kien ilu jwettqu sa mill-1987. Dak iz-zmien kienu nfurmawhom li flok hlas tal-hin extra li jaghmlu kienu se johduh f'time off-in-lieu. Hadd mill-haddiema f'dak il-perjodu ma ried jaccetta li jaghmel dak ix-xoghol u ma jithallasx. Li kieku ma kienx ghal bzulija u l-ghaqal tas-Sur John Desira l-Evening Classes ma kienx isiru ghax bilfors ried ikun hemm Supervision matul il-hin imsemmi aktar 'l fuq. Meta gie mwaqqaf it-time off-in-lieu u l-haddiema bdew jithallsu, kull ma dam jithallas tas-sieghat zieda kien perjodu qasir. Id-dipartiment talli bis-sahha tieghu kien setgha jzomm l-Evening Classes miftuhin u tas-sagrificcju li kien ghamel, pattijulu bit-transfer. Fil-22 ta' Jannar 1990 gie trasferit mill-Junior Lyceum tal-Blata l-Bahda ghal Beltissebh. Konsegwenza ta' dan it-transfer, is-Sur John Desira titlef madwar Lm45 fix-xahar ta' l-Evening Classes u madwar 90 cents kuljum tas-supervision waqt il-hin tal-break.

F'Lulju 1990 kien applika ghall-grad ta' supervisor. Dejjem ghamel xoghol rikjest minnu tajjeb u dan jistghu jixhduh is-superjuri tieghi. Kien gie infurmat li l-promozzjoni ma hadhiex. Huwa konvint li kemm it-transfer kif ukoll ma inghatax il-

promozzjoni huwa minhabba t-twemmin politiku tieghu. F'dak il-perjodu kellu l-bar tal-Kazin Laburista tas-Siggiewi.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu jinghata kumpens minhabba it-transfer ingust li qala' kif ukoll jekk jinstab li kellu jiehu l-promotion ta' supervisor, tinghatalu mid-data msemmija, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif hu xieraq.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta ta' l-intimat li eccepixxa:

Illi preliminarjament l-okkju tal-kawza huwa difettuz ghax ma tistax tintavola kawza kontra dipartiment izda kontra xi kap ta' dipartiment.

Illi galadarba r-rikorrent qed jillament dwar kwistjoni ta' promozzjonijiet, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku

ghandha tigi kjamata fil-kawza, jekk tista' tkun hekk kjamata stante dak li hemm provdu fl-Artiklu 5(3) ta' l-Att VIII ta' l-1997.

Illi l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fl-1990 processat sejha ghall-applikazzjonijiet ghal numru ta' postijiet fil-Gruppi Industrijal B,C, u D u fost il-Grupp D kien hemm postijiet ta' Supervisor. Ara dokument A1, A2 u A3.

Illi s-Sur John Desira (ID 776152M) applika ghall-post ta' supervisor u qaghad ghall-intervista quddiem Bord imwaqqaf mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Huwa gab 46 minn total ta' 100 marka u ghaldaqstant ma setax jigi rakkomandat ghall-post ta' supervisor. Ara pagna B4 tad-dokument B1 - B8.

Illi t-trasferiment tas-Sur Desira mill-iskola Maria regina, Blata l-Bajda ghat-Taqsima tal-Mastrudaxxi f'Belt is-Sebh sar skond l-esigenzi tas-Servizz u skond il-procedura ezistenti f'dak iz-zmien. Ara dok C.

Illi wara t-trasferiment tas-Sur Desira, dan ma setax jibqa jinghata hlas ghal sahra u supervizjoni li kien jaghmel qabel u li wara ma baqax jaghmilhom.

Ghaldaqstant dan t-Tribunal ghandu jichad it-talbiet tar-rikorrent bhala infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimat.

**PROVI:**

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit u kkonferma l-fatti msemmija fir-rikors. Ilmenti kontra tieghu ma kienx hemm. Semma li s-supervision kien jaghmlu fuq inkarigu tal-Head tal-iskola inizjalment Miss Borg Grech u izjed tard Miss Vella. Tax-xoghol tas' supervizjoni fil-hin tal-break u tax-xoghol tas-supervizjoni li kien jaghmel fi zmien l-ezamijiet kien jithallas mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni apparti s-salarju normali tieghu pero' tax-xoghol ta' supervizjoni ta' filghaxija waqt l-evening classes kien jiehu "time-off in lieu".

Fit-2 ta' Jannar 1990 ir-rikorrent inghata transfer u mill-iskola Maria Regina baghtuh fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni f'Belt is-Sebh Floriana. Sostna li b'dan it-transfer tellfuh x-xoghol ta' supervisjoni. Mhux talli hekk talli gimgha biss wara waqqfuh wkoll mix-xoghol ta' supervizzjoni illi kien jaghmel filghaxija u cioe' ta' kuljum minbarra nhar t'Erbgha bejn il-5.00pm u 8.00pm liema xoghol issa, wara zmien twil, sar bi hlas. Minfloku dan ix-xoghol issa bi hlas beda jinghata lil certu Dominic Attard, li kien partitarju Nazzjonalista.

Barra minn hekk ilmenta mill-fatt li ma kienx inghata promozzjoni ghall-grad ta' "supervisor". Fl-1990 kienet saret sejha ghall-applikazzjonijiet tal-grad ta' "supervisor" u kien qaghad ghall-ezami li ma kienx bil-miktub izda kien jikkonsisti minn interview biss pero' m'ghaddiex ghaliex tawh 46. B'hekk tilef il-possibilita' li mill-grad ta' "supervisor" javvanza ghal grad ta' "chargehand".

Gie prezentat affidavit ta' Innocent Aquilina li semma li jaf lir-rikorrent u li dan ghadu membru tesserat tal-Partit Laburista u wkoll illi ghal xi zmien kien anke jmexxi l-bottegin tal-Kazin Laburista fis-Siggiewi.

Mario Cacciattolo Direttur Finance and Administration fl-Education Division xehed li r-rikorrent kien ghamel xi zmien mpjegat fl-iskola Maria Regina tal-Blata l-Bajda. Dwar ix-xoghol ta' supervision waqt il-break ghall-ewwel ir-rikorrent kien jigi remunerat b'time off in lieu mbaghad fi hlas. Bhalissa t-teachers ikollhom allowance li tithallas mid-Dipartiment, skond l-agreement bejn il-Gvern u l-MUT. Ir-rikorrent kien mastrudaxxa ma' l-Education Division jigifieri huwa kien Grupp D. Fl-1987 dan it-tip ta' xoghol ta' purtinar jew supervision fl-evening classes kien jithallas b'time off u mhux bil-hlas. Din il-policy wara xi zmien nbiddlet ghaliex minflok beda jithallas l-overtime.

Dwar it-transfer tar-rikorrent mill-iskola Maria Regina ghal Beltissebh, dan sehh fid-9 ta' April 1990 u r-raguni kienet l-esigenzi tas-servizz, pero' dan ma kienx jitqies bhala transfer peress li kienet 'within the same Department'. Dwar l-esigenzi tas-servizz semma li fil-file personali m'hemm l-ebda spjega ghal dan. It-trasferiment la sar fuq talba tar-rikorrent u lanqas bhala mizura ta' dixxiplina. Meta gie mcaqlaq minn Maria Regina ghal Beltissebh ma baqax jaghmel ix-xoghol ta' supervizjoni. Mar minfloku fl-iskola Maria Regina certu Dominic Attard. Dominic Attard kien jaqa' taht Group D. Anke fi Frar ta' 1990 huwa kien

qed jaghmel xoghol ta' supervizjoni fl-evening classes. Dan ix-xoghol ta' l-evening classes kienet qed isir bi hlas fl-1990.

L-ezamijiet ghall- grad ta' Supervisor kienu biss b'interview. L-effective date ta' l-appointment ta' Supervisor li ukoll kien ta' Dominic Attard kien l-14 ta' Mejju 1990. Dominic Attard kien irtira l-applikazzjoni tieghu ghall-post ta' Supervisor. Pero' dan gie mlehhaq Supervisor b'sehh mill-14 ta' Mejju, 1990.

Zied: "Rigward il-hatra tas-supervisor nghidli dawk l-interviews ghall-supervisor kienu saru taht l-awspici tal-PSC, allura kienu skond ir-regolamenti… Dak inhar kienu resqu ghall-interview mija u sitta u ghoxrin. Minn dawn kienu ghaddew tletin u wehlu tmienja u tmenin, ma attendewx tlieta u rtiraw qabel l-interview hamsa. Jigifieri r-rikorrent kien wiehed minn dawk li kienu wehlu il-marka tieghu kienet 46 minn 100 u ghalhekk ma ntaghzilx."

Gino Caruana xehed li bejn l-1991 u 1995 meta kien jaghmel xoghol ta' supervision ma' l-evening classes u meta jkun hemm l-ezamijiet u kiena jithallas bi flus u mhux b'time off.

**KONKLUZZJONI:**

Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrent hu bbazat fuq zewg aspetti:

- Wahda kien li gie trasferit minghajr raguni valida, u li minhabba f'hekk huwa tilef il-flus;
- it-tieni aspett kien li ma giex maghzul ghal supervisor.

Fil-kawza "Godwin Pulis vs Segretarju Permanenti fl-Ufficju tal-Prim`Ministru et" deciza fit-23 ta' Marzu, 1999 it-Tribunal qal:

"Meta jsiru domandi lil min ikun responsabbli ghat-transfers it-Tribunal jisma' dejjem li fil-kuntratt tax-xoghol hemm stipulat li dan jista' jsir skond l-esigenzi tas-servizz, kif ukoll li ma hemm ebda ligi li tghidlek li dan irid ikun bil-miktub u li jinghatw r-ragunijiet ghalih. Veru li sfortunatament ma hemmx ligi f'dan ir-rigward, izda f'dan is-seklu ghalkemm il-haddiema ghandhom hafna aktar doveri milli xi whud minnhom jifmu, fl-istess hin hemm id-dover sakrosant li ghandhom jigu stmati bl-ahjar mod possibli. Il-kliem esigenzi tas-servizz mhix xi lokuzzjoni frivola li wiehed jghaddiha bhala passatemp – infatti l-esigenzi tas-servizz iridu veru jirrekjedu hekk. Is-serjeta' titlob ukoll li transfer ikun hemm raguni valida ghalih, u ferm desiderabbli li jinghata bil-miktub jekk kollox hu "above board".

Issa mix-xhieda jirrizulta li r-rikorrent la gie trasferit fuq talba tieghu u lanqas bhala mizuri ta' dixxiplina. Bhala raguni ghat-transfer giet moghtija l-esigenzi tas-servizz. Izda hadd ma qal x'kienu dawn l-esigenzi. Zgur li inzerta li ta' parti minn dak ix-xoghol extra li kien jaghmel ir-rikorrent ma kienx hemm hlas izda time-off, u meta sar bil-hlas spicca li gie trasferit hadd iehor minfloku. Kawza ta' dan ir-rikorrent sofra danni finanzjarji. Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjoni tal-intimat referibbli ghal dan l-aspett.

Dwar l-aspett tal-ilment dwar in-nuqqas ta' promozzjoni, r-rikorrent ipprova li harget cirkolari u hu applika u gab 46%. Irrizulta li ghall-interview ta' Supervisor kienu resqu 146 u ghaddew 30. Izda r-rikorrent ma esebixxa jew gab ebda prova dwar is-seniority ta' kull wiehed minnhom, u lanqas ta' xi kwalifiki li setghu kellhom jew livell ta' skola, jew trade certificates. Lanqas ma giet prodotta lista bil-marki allokati jew kif gew imqassmin il-marki.

L-unika prova li gab li ghal xi raguni stramba Dominic Attard applika, irtira l-applikazzjoni w xorta sar. Izda hawn ukoll la ipproduca lill-istess Attard, lanqas xi rapprezentant tal-PSC jew ghamel xi provi ohra. Dan it-Tribunal ma jistax jaghti promozzjoni lil xi hadd fuq daqshekk biss. Ghalhekk fir-rigward tan-nuqqas ta' promozzjoni, it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tal-intimat.

Dwar it-transfer kif issemma fuq it-Tribunal ma jsibux gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elf lira [LM1000].

Spejjez bin-nofs.